# ID-DRAMMI

Fil-Paġna Letterarja tal-lum se nkompli nitkellem ftit dwar id-drammi. Ser nikkummenta fid-dawl ta' żewġ drammi differenti minn xulxin: Tebut isfar huwa dramm lokali, kitba ta' Clare Azzopardi u pubblikazzjoni Merlin, waqt li It-Traġedja tal-bniedem huwa ktieb klassiku tal-Ungeriż Imre Madách maqlub mill-Esperanto għall-Malti minn Carmel Mallia

## Tebut Isfar ta' Clare Azzopardi

Irrid nammetti li nħobb naqra drammi. Bħalma nħobb naqra poeżiji. Imma l-kitba ta' dawn iż-żewġ ġenri mhux l-aktar popolari mal-qarrejja, daqst kemm ngħidu aħna n-novelli u d-drammi. Jien niftakar fi ċkuniti kont nissaħħar naqra l-istorja ritratti tas-sensiela Pepprin, pubblikazzjoni Talent Artistes. Hawnhekk sirt familjari ma' bosta rumanzi klassiċi fosthom Is-Salib tal-Fidda, Leli ta' Ħaż-Żgħir, Il-ġuri tagħkom u oħrajn. Kellek taħlita ma' oħrajn li kienu nkitbu propju bħala drammi. U hawn hija d-diffikultà fil-kitba tad-dramm.

Fil-Paġna Letterarja tal-20 t'Awwissu 2023 ktibt hekk:

"L-istil ta' meta wieħed jikteb dramm mhux bħal meta tikteb novella jew rumanz. Il-palk huwa kompletament differenti. Mill-banda l-oħra iżda, id-dramm x'aktarx huwa aktar intenzjonat għal palk. Il-qarrej ġieli jsib diffikulta' biex jifhem u jwegwi l-istorja permezz tal-kitba. Għandna drammi li huma pjaċevoli biex taqrhom imma l-livell mhux dak li mixtieq għal palk. Inutili nibqgħu nqabblu jekk il-kelma hux mirquma daqs dawk klassiċi bħal ngħidu aħna ta' Francis Ebejer; illum iż-żmien inbidel. Naħseb fl-aħħar millaħħar irridu ngħidu prosit kbira lil dawk l-awturi li jiktbu drammi u jagħtuna l-opportunità u jibqgħu jagħtu dak in-nifs ġdid lill-palk Malti. Mingħajr il-kitba naturalment mhux ser insegwu drammi ġodda lokali."

Clare Azzopardi b'Tebut isfar tagħmel dan l-isforz ġenwin li toffri kitba friska għal fuq il-palk. Kien ittella' fit-teatru fit-teatru tal-Università, il-Belt Valletta, f'Ottubru 2018. Tista' tgħid li l-atturi kollha għamlu l-parti tagħhom b'mod impekkabbli; nieħu l-okkażjoni li rari jkolli f'din il-paġna li nsemmi biss lil wieħed mill-favoriti tiegħi Peter Galea (għal benefiċċju tal-qarrejja tagħna li kien ħadem tal-Ispettur Gallo fi Prima Facie). Dan id-dramm ittella' għall-ewwel darba b'direzzjoni ta' Marcelle Teuma u produzzjoni ta' Unifaun Theatre Productions.

Dik it-tbissima mhux f'lokha biex ngħid hekk, dik in-naqra sens ta' assurdità togħġobi wisq meta mmur nara dramm. Tidħaq quddiem sitwazzjoni li kif ġieli ngħidu kieku ma kinetx tal-biki. Karetteristika oħra li għoġbitni fil-kitba' ta' Azzopardi hija li ma tarax l-istampa minn barra - l-iżvilupp fil-Belt Valletta – imma tħares mil-lenti tal-bniedem ordinarju, li jgħix il-ħajja ta' kuljum. Hawnhekk għandna r-realtà tat-tebutier li se jkollu jitlaq mill-Belt Valletta, il-post fejn għex għomru u żmienu:

"Issa ara jien, għomri u żmieni hawn... fejn tridni mmur?" (p.16).

Imma anke hawn, Azzopardi mhijex dommatika, u ma tinħeliex f'retorika li tqarreb iktar lingwaġġ talpolitiċi milli tal-artisti. Jirnexxielha twassal il-messaġġ li trid twassal billi tpoġġielna quddiemna r-realta' tat-tebutier u bintu Yasmina. Dan huwa li jagħmel l-artist, u li jagħmel dramm differenti minn dokumentarju jew kummentarju politiku.

Gustav li bħal donnu huwa l-vuċi tal-flus li qed imermru t-tessut soċjali tagħna, jibqa' jinsisti naturalment biex jagħmel l-offerta tal-garaxx (p.28). Iżda mill-banda l-oħra għandna l-vużi ta'




Yasmina, bint it-tebutier, li minkejja t-tmintax-il sena tagħha, tirraġuna u tgħix ta' tifla, kif iddeskrivietha Phyllis (p.28). toħlom. Hawnhekk jiena nara d-differenza bejn l-aspirazzjonijiet tal-persuni u kif ta' waħda jispiċċaw milgħuba mill-oħra. Yasmina, iżda, għalkemm tidher innoċenti, fl-aħħar mill-aħħar tieħu l-liġi b'idejha: Ma titlifx dak li sawwarha.

Iżda dak il-post kellu rabta wkoll mal-omm, li issa anke dawk iridu joħdulhom minn ħajjithom. Din hija realtà li saret komuni ħafna f'dawn l-aħħar snin u trattata minn numru ta' awturi (jien ukoll kont ktibt dwar hekk fl-istess żmien meta ttella' dan id-dramm. Is-sentiment li jweġġa' l-qalb huwa minħabba li d-"dar" tagħna hija l-ambjent fejn inkunu trabbejna u għaldaqstant hemm inħallu parti minna, meta din tittieħed minna.

Tema oħra komuni, f'numru ta' awturi (mill-ġdid lili laqtitni għax kont irreferejt għaliha), hija x-xebh tal-bini mal-kaxxi. Iżda anke hawn togħġobni ħafna l-mod sottili kif Azzopardi toħroġ dan l-element. Tevita l-cliché u minflok qisu għandna xebh bejn dawn it-twiebet u l-bini li tiela'. Fihom Yasmina tidfen il-pupi. Naqraw, li l-pupa midfuna xi mkien. "Kienu mietu" (p.21).

Naċċena għal dak li għidt qabel u ma nistax ma nżidx ukol dwar il-valuri. It-tebutier (p.16) jgħid li "...donnu issa anke għall-mejjet naqas ir-rispett."

Dwar il-kitba tad-drammi tkellimt mal-awtriċi stess, Clare Azzopardi, li qaltilna hekk: "Il-kitba tad-dramm hija xi ftit jew wisq differenti minn ta' rumanz. Ibda biex m'hemmx narrazzjoni, hemm djalogu kontinwu ... botta u risposta ... mhux qed ngħid li m'hemmx silenzji u pawżi għax fi dramm jista' jkun hemm ħafna silenzji wkoll, imma pereżempju m'hemmx il-maġija ta' rakkonti deskrittivi bħalma jiġri f'rumanz.

Apparti hekk, meta tikteb dramm trid il-ħin kollu taħseb fl-ispazju u fil-karattri li se jkunu f'dak l-ispazju. Ngħid għalija nkun qed nistaqsi lili nnifsi, Imma din tista' ssir? Kif se jibdlu minn dix-xena għal oħra? Hemm spazju biżżejjed biex nagħmel hekk? Jien u nikteb rumanz ma nkunx qed naħseb f'dawn l-affarijiet. Imma dramm jinkiteb ħafna drabi għall-atturi u bi spazju f'moħħok u allura ma tistax tinjorahom.

Imbagħad nista' ngħid li bħalma jiġri fil-kitba tar-rumanz, il-karattri jidħlu fik, jinvaduk, jaħkmuk għalkollox. Din, iva, tiġri kemm fid-dramm kif ukoll f'rumanz. Yasmina, f'Tebut Isfar, ħakmitni bħalma ħakmitni Emma f'Castillo. U nista' ngħidlek li għadha miegħi. Minkejja li ħdimt fuq varji produzzjonijiet teatrali oħra wara Tebut Isfar, jibqa', xorta waħda, l-iktar dramm għal qalbi.

Ħadt gost immens naħdem ma' Unifaun Theatre u Marcelle Teuma bħala direttriċi kif ukoll mal-atturi kollha. Huwa dramm li nittama li jerġa' jittella' għax it-tema tal-fraġilità u taż-żgħar li jisfgħu dejjem jinbelgħu mill-kbar; it-tema tal-korruzzjoni u kif il-kilba għall-flus ġegħlitna neqirdu pajjiż, huma temi rikorrenti ħafna f'pajjiżna."